**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta’ Gunju 2021**

Rikors Numru: 146/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1190/2008)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Parocca tal-Madonna tal-Grazzja f'Haz-Zabbar u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A"
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mill erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) permezz tal- kuntmtt ta' separazzjoni

hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Josef Christian Masini Vento;

3. Illi fi klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni hemm dikjarat "illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal oltre sentejn u l-fond li kien jifforma l-fond matrimonjali kien soggett biss ghal titolu ta' kera liema kirja giet ittermintata fl-2016, u l-esponenti ddikjarat ukoll b'gurament li ilhom de facto separati minn Gunju 2016; (dikjarazzjoni annessa "Dokument C")

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonéiljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib taddivorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall tal-zwieg li gie ccelebrat nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja fil-Parocca tal-Madonna tal-Grazzja f'Haz-Zabbar;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javia lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promotur ma huwhiex ilkuntratt illi jirregola is-separazzjoni bejn il-konendenti fil-kaz odjern.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent, filwaqt illi jikkonferma illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet,

jirrileva u jissottolinja illi l-istess kuntratt ta' separazzjoni jobbliga fill-Mara taghmel hlasijiet ta' djun senjatement dejn mal-bank HSBC kif ukoll dejn frott ta' azzjoni ta' ingann (uzu ta' linja ta' mowbajl) fil-konfront ta' omm l-esponent. Dawn l-ammonti ghadhom ma thallsux mill-Mara.

3. Illi a skans ta' ripetizzjoni jigi rilevat illi ai termini ta' l-Artikolu lla(iii) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, gie assenjat lill-A B:

4. "Id-Debitu fl-ammont ta'  elf u mitejn Euro (€1200) dovti lil omm ir-Ragel E D.”

5. Illi hekk ukoll, ai termini ta' l-Artikolu lla(iv) ta' l-istess Kuntratt, gie assenjat lill-Mara:

6. "Nofs kull somma il-fuq minn erbat elef Euro (€4000) flimkien ma' nofs l-imghaxijiet fuq l-istess dejn; il-kont numru huwa ta' zero erbgha tnejn — zero sebgha sebgha wiehed zero sebgha — tlieta zero zero (042-077107-300)."

7. Illi dan id-dejn ghdu ma thallasx.

8. Illi l-esponent jirrileva ukoll illi kif hemm stipulat fl-Artikolu 12 ta' l-istess kuntratt, jezistu proceduri fil-konfront ta' A Bghal hlas ta' kreditu, ikkuntrattat minn A B wahedha waqt izzwieg mal-esponent intimat, fl-ismijiet 'Adrian Ellul v. A D” Rikors Guramentat Numru 918/2016AF liema ammont huwa konness esklussivament ma' impjieg il-Mara izda, fl-eventwalita' ta' ezitu negattiv, il-kreditur Adrian Ellul, jista' jitlob dan l-ammont mill-esponent stante li dan il-kreditu kien dovut ghal azzjonijiet maghmula waqt iz-zwieg, anke jekk ad insaputa ta' l-esponent. Il-kreditu huwa ta' mija u sitta u ghoxrin Elf Euro (€126,000) ;

9. Illi ghalhekk, jekk jinhall iz-zwieg u A D tifforma familja gdida, hemm periklu imminenti illi id-djun minnha dovuti ma jithallsux u dan bi pregudizzju irriversibbli ghall-intimat.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 t' April 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha qiegħed joġġezzjona illi jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ghaliex irrileva illi kif hemm stipulat fl-Artikolu 12 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, jezistu proceduri fil-konfront tar-rikorrenti għal ħlas ta' kreditu, ikkuntrattat allegatament mir-rikorrenti waħedha waqt iż-żwieġ mal-intimat, hemm kawza pendenti, liema ammont huwa konness esklussivament ma' impjieg -il mara izda, fl-eventwalita' ta' ezitu negattiv, il-kreditur jista' jitlob dan l-ammont mill-intimat stante li dan il-kreditu kien dovut għal azzjonijiet magħmula waqt iż-żwieġ u ad insaputa tiegħu.

Illi l-Qorti rat illi din it-tip ta' opposizzjoni ma tinkwadrax ruħha ma dak li tgħid il-liġi u cioe` illi talba ta' divorzju tista' tiġi opposta biss f'kas li jkun hemm arretrati fil-ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, il-Qorti tara li l-intimat m'ghandu l-ebda opposizzjoni skont il-liġi għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.